VCA

VALLETTA CULTURAL AGENCY

# Cultural

## PROGRAMME '25



# Contents


**Kelmtejn mingħand il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali** **01-02**
A word by the Minister for National Heritage, the Arts and Local Government

**Kelmtejn mingħand iċ-Ċermen tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta** **03-04**
A word by the Valletta Cultural Agency Chairman

**Kelmtejn mingħand l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta** **05-06**
A word by the Valletta Cultural Agency Chief Executive Officer

**Programm Kulturali 2025**
Cultural Programme 2025
- Valletta Cultural Agency **07-20**
- Strada Stretta **21-26**
- Valletta Design Cluster **27-44**

**Kalendarju Kulturali Jannar - Diċembru 2025** **45-47**
Cultural Calendar January - December 2025




**KELMTEJN MINGĦAND IL-MINISTRU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI**
A WORD BY THE MINISTER FOR NATIONAL HERITAGE THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

# Owen Bonnici



**Merħba għall-Programm tal-2025 tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta — ċelebrazzjoni tal-arti u l-kreattività Maltija. Għalkemm modesta fid-daqs, il-gżira tagħna tgħaqqad it-tradizzjoni mal-innovazzjoni biex b'hekk toħloq xenarju għani ta' espressjoni artistika. Din is-sena, nistednuk tesperjenza avvenimenti varjati li jinkludu dawk fuq skala kbira kif ukoll workshops żgħar fil-Valletta Design Cluster, li jrawmu l-komunità, il-kollaborazzjoni, u s-sostenibbiltà.**

**Id-dedikazzjoni tagħna għall-arti hija parti integrali mill-identità nazzjonali tagħna. Il-Gvern Malti qed ikompli jinvesti f'inizjattivi kulturali, filwaqt li jirrikonoxxi l-valur tal-arti bħala mezz ta' espressjoni personali u konnessjoni, mhux biss ta' divertiment. Il-pjattaformi diġitali qed iwasslu l-istorja kulturali Maltija lil udjenzi lil hinn minn xtutna, filwaqt li qed inħeġġu talent ġdid permezz tal-edukazzjoni u l-mentoring.**

**Qegħdin ninvestu fis-sostenibbiltà u nħaddnu kollaborazzjonijiet transkulturali biex inkomplu narrikkixxu l-pajsaġġ artistiku tagħna. Dan il-programm juri l-bilanċ delikat bejn ir-rispett lejn il-wirt storiku tagħna u l-enerġija tal-kreattività kontemporanja.**

**Nistednuk tingħaqad magħna f'din iċ-ċelebrazzjoni tal-arti u l-kultura, fejn flimkien insawru l-istorja kreattiva ta' Malta u naqsmuha mal-bqija tad-dinja.**

Welcome to the Valletta Cultural Agency's 2025 Cultural Programme, a celebration of Maltese arts and creativity. Though small in size, our island is a place where tradition and innovation come together to create a thriving artistic landscape. Much like the cultural programmes the Valletta Cultural Agency devised and prepared for our capital over the past years, this year's programme offers something for everyone, from large-scale events to more intimate ones. These events are designed to foster collaboration, strengthen community ties, and promote sustainability in the arts.

The arts are a cornerstone of our national identity. The Maltese Government continues to invest in cultural initiatives, and recognises their importance as a means of self-expression and connection. Through digital platforms, Malta's cultural story reaches audiences far beyond our shores, while at home, we remain committed to nurturing new talent through education and mentoring.

We are investing in sustainability and cross-cultural collaborations to further enrich Malta's artistic scene. This programme represents a delicate balance between honouring our cultural heritage and embracing contemporary creativity.

We invite you to join us in celebrating Malta's arts and culture, as we share our island's creative story with the world.

## KELMTEJN MINGĦAND IĊ-ĊERMEN TAL-AĠENZIJA KULTURALI GĦALL-BELT VALLETTA

A WORD BY THE VALLETTA CULTURAL AGENCY CHAIRMAN

# Jason Micallef



**Is-sena 2024 kienet waħda trijonfanti għall-Belt Valletta u l-legat kulturali tagħha li dejjem qed jikber. Il-belt ittrasformat ruħha f'ċentru vibranti ta' kreattività, u ġibdet lejha udjenzi rekord filwaqt li kompliet tgħolli l-istandards ta' eċċellenza tagħha. Minn prestazzjonijiet attraenti għal esibizzjonijiet innovattivi, il-Programm Kulturali tal-2024 sar wieħed importanti għal Malta; ċelebrazzjoni dejjiema ta' talent, wirt kulturali, u innovazzjoni.**

**Imma, hekk kif deħlin fl-2025, ma nistgħux ninjoraw ir-realtajiet li mmarkaw is-sena li għaddiet. Is-sena 2024 kienet waħda inkwetanti — il-gwerra fil-Lvant Nofsani kibret, it-tensjonijiet ġeopolitiċi żdiedu, u d-dinja ġiet qrib ħafna ta' gwerra nukleari. Fi żminijiet inċerti bħal dawn, niftakru f'xi ħaġa li qatt ma tinbidel: il-kultura mhix lussu; hija neċessità.**

**L-arti, il-wirt kulturali, u l-kreattività huma dawk li jżommuna ħajjin — li joffru ċ-ċarezza fil-konfużjoni, l-għaqda fost il-firda, u t-tama fejn id-disperazzjoni thedded li tirbaħ. Il-kultura tgħaqqadna permezz ta' stejjer li naqsmu flimkien, tgħolli l-immaġinazzjoni kollettiva tagħna, u tgħaqqadna fis-sod fit-twemmin li l-espressjoni tal-bniedem hija b'saħħitha, anke kontra l-aktar maltempati ħorox.**

**Fil-Belt Valletta, belt mimlija reżiljenza u tradizzjoni, inħaddnu din is-sejħa b'determinazzjoni mġedda. Il-Programm Kulturali għall-2025 jirrifletti dan l-impenn: li jispira, jisfida, u jgħaqqad in-nies flimkien. Ejjew niċċelebraw il-kreattività bħala xhieda tal-umanità tagħna u bħala tweġiba għall-kriżijiet tad-dinja.**

**Issa, aktar minn qatt qabel, irridu nduru lejn il-kultura biex indawlu t-triq 'il quddiem.**

The year 2024 was a triumph for Valletta and its ever-growing cultural legacy. The city blossomed into a vibrant epicentre of creativity, attracting record audiences and setting new standards for artistic excellence. From captivating performances to groundbreaking exhibitions, the Cultural Programme of 2024 became a staple for Malta — an enduring celebration of talent, heritage, and innovation

But, as we step into 2025, we cannot ignore the sobering realities that marked the past year. The year 2024 proved troublesome — war expanded across the Middle East, geopolitical tensions sharpened, and the world edged dangerously towards the spectre of a nuclear standoff. In such uncertain times, we are reminded of an unshakable truth: culture is not a luxury; it is a necessity.

Art, heritage, and creativity are our lifelines — offering clarity in confusion, unity amidst division, and hope where despair threatens to prevail. Culture connects us to shared histories, elevates our collective imagination, and anchors us firmly in the belief that human expression endures, even against the harshest storms.

In Valletta, a city steeped in resilience and tradition, we embrace this calling with renewed determination. The Cultural Programme for 2025 reflects this commitment: to inspire, challenge, and bring people together. Let us celebrate creativity as a testament to our humanity and a defiant answer to the world's crises.

Now, more than ever, we must turn to culture to light the way forward.

**KELMTEJN MINGĦAND L-UFFIĊJAL KAP EŻEKUTTIV TAL-AĠENZIJA KULTURALI GĦALL-BELT VALLETTA**
A WORD BY THE VALLETTA CULTURAL AGENCY CHIEF EXECUTIVE OFFICER

# Catherine Tabone



**Hekk kif tajna bidu għal sena oħra, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta bi pjaċir tippreżenta programm kulturali ġdid, li huwa espressjoni tal-impenn tagħha li tiċċelebra l-arti f'ħafna mill-forom diversi tagħha. Issa fis-seba' sena tagħha, il-VCA qed tkompli tibni fuq il-legat eċċellenti ta' Valletta 2018, biex tiżgura li l-kultura tibqa' l-pedament tar-riġenerazzjoni tal-kapitali tagħna u biex iżżomm ir-reputazzjoni tagħha bħala ċentru ta' eċċellenza artistika.**

**Se nkunu qed nagħtu bidu b'saħħtu għall-kalendarju kulturali ta' din is-sena b'kunċert tal-opra ta' Carlo Diacono fi tliet atti, *L'Alpino*. Dan l-avveniment importanti, li sar fit-Teatru Manoel, sar possibbli permezz tal-kollaborazzjoni kontinwa tagħna mal-Orkestra Filarmonika ta' Malta, ftit aktar minn xahrejn wara l-produzzjoni tagħna tar-*Requiem ta' Verdi*, li kienet ta' suċċess kbir.**

**Permezz tal-programm ta' din is-sena, nikkonfermaw mill-ġdid il-missjoni tagħna li nagħmlu l-kultura aċċessibbli għal kulħadd u niċċelebraw il-kapaċità tagħha li tispira, tisfida, u tgħaqqad. Inħeġġuk tingħaqad magħna fil-vjaġġ kulturali li ħejjejna għalik din is-sena – wieħed li jwiegħed li jferraħ, jissorprendi, u jinvolvi lill-udjenza f'kull aspett.**

As we usher in another year, the Valletta Cultural Agency is proud to present a new cultural programme, which is an expression of its commitment to championing the arts in many of their diverse and enriching forms. Now in its seventh year, the VCA continues to build upon the outstanding legacy of Valletta 2018, to ensure that culture remains the foundation of our capital's regeneration and to sustain its reputation as a centre of artistic excellence.

This year's cultural calendar starts strong, with one of its highlights being a concert performance of Carlo Diacono's opera in three acts, *L'Alpino*. This landmark event, which took place at Teatru Manoel, was made possible through our continued collaboration with the Malta Philharmonic Orchestra, just over two months after our production of *Verdi's Requiem*, which proved a resounding success.

Through this year's programme, we reaffirm our mission to make culture accessible to all and celebrate its ability to inspire, challenge, and unite. We encourage you to join us on the cultural journey we have tailored for you this year – one that promises to delight, surprise, and engage at every turn.

# Valletta cultural agency





# L’ALPINO

### 31 Jannar // January
### Teatru Manoel

**L-Orkestra Filarmonika ta’ Malta, f’kollaborazzjoni mal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, tippreżenta verżjoni tal-opra *L’Alpino* ta’ Carlo Diacono fil-forma ta’ kunċert. Dan huwa xogħol drammatiku li jitratta l-qlubija, l-imħabba u s-saħħa karatterjali. Taħt id-direzzjoni mużikali ta’ Michael Laus, dan ix-xogħol mimli emozzjoni jsegwi l-vjaġġ erojku ta’ suldat Taljan li jgħix fil-muntanji, li jgħaqqad il-kobor operistiku ma’ influwenzi Maltin u Taljani għal esperjenza tassew kommoventi.**

The Malta Philharmonic Orchestra, in collaboration with the Valletta Cultural Agency, presents a concert version of Carlo Diacono’s *L’Alpino*, a dramatic opera of bravery, love, and strength, conducted by Michael Laus. This emotionally charged work follows an Italian mountain soldier’s heroic journey, blending operatic grandeur with Maltese and Italian influences for a truly moving experience.




# SCHUBERT'S PIANO SONATAS

**14 Frar // February**
**Malta Society of Arts**

**Waqt dan il-kunċert speċjali tal-pjanu, il-pjanista Francis Camilleri jesegwixxi tliet sonati ta' Schubert: l-A Major D. 664, l-A Minor D. 784, u l-G Major D. 894 li nkitbet lejn l-aħħar tal-karriera tiegħu. Dan il-programm jixħet dawl fuq ix-xogħlijiet inqas interpretati ta' Schubert, filwaqt li jenfasizza r-rabta tagħhom mal-legat ta' Beethoven u l-profondità emozzjonali tagħhom.**

In a special recital, pianist Francis Camilleri performs three Schubert sonatas: A Major D. 664, A Minor D. 784, and his G Major D. 894. This programme shines a light on Schubert's lesser-performed works, emphasising their connection to Beethoven's legacy and their profound emotional depth.

# KRISTU LURA FI STRADA STRETTA

**10-19 April // April**
**The Splendid, Strada Stretta**

**Id-dramm għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira mtella' minn Carlos Farrugia u Joseph Galea din is-sena jġib l-isem ta' *Kristu Lura fi Strada Stretta.* Id-dramm jitratta kittieb li, matul il-Ġimgħa Mqaddsa, jieqaf jieħu birra f'bar fi Strada Stretta, u b'hekk joħloq narrattiva li tqanqal il-ħsieb li tidħol f'temi esplorati fix-xogħlijiet preċedenti ta' Farrugia.**

This year's lent-themed play by Carlos Farrugia and Joseph Galea is titled *Kristu Lura fi Strada Stretta*. The play centres on a scriptwriter who, during Holy Week, pauses for a beer at a bar on Strada Stretta, setting the stage for a thought-provoking narrative that delves into themes explored in Farrugia's earlier works.





C. Jonathan Borg Zigli

# IL-MIXGĦELA TAL-ĠIMGĦA MQADDSA

**16-18 April // April**
**Pjazza San Ġorġ // St George's Square**

**Pjazza San Ġorġ, fil-qalba tal-Belt Valletta, tiddi matul il-Ġimgħa Mqaddsa b'mijiet ta' fjakkoli li, bi tkomplija tat-tradizzjoni li tat bidu għaliha l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, joħolqu ambjent ta' ġabra. Din l-esperjenza immersiva tittrasforma l-pjazza f'punt fokali interessanti fil-Belt Valletta fejn kemm ir-residenti kif ukoll il-viżitaturi jsibu spazju uniku għar-riflessjoni.**

St George's Square in Valletta is transformed with hundreds of fire bowls creating a powerful installation during Holy Week. This immersive experience invites both residents and visitors to reflect, as the flickering flames turn the square into a poignant focal point, blending tradition and spectacle in Malta's capital.


C. Audience Ltd

# VALLETTA GREEN FESTIVAL

**25 April // April - 4 Mejju // May**
**Pjazza San Ġorg // St George's Square**

**Il-Valletta Green Festival jittrasforma l-qalba tal-Kapitali fi ġnien maġiku. Dan l-avveniment jippromwovi l-għarfien ambjentali filwaqt li jiġbor flimkien komunità ddedikata għas-sostenibbiltà. L-Eco Market joffri oġġetti sostenibbli, fosthom ġojjellerija, arti, u prodotti tas-sbuħija filwaqt li jrawwem stil ta' ħajja sostenibbli.**

The Valletta Green Festival transforms the heart of the Capital into a magical fantasy garden. Promoting the importance of environmental awareness, it brings together a community committed to sustainability while the Eco Market offers sustainable goods, including thrifted items, jewellery, art, and beauty products, fostering a greener way of living.



C. Audience Ltd

# ILĦNA LI JIBQGĦU: KLASSIĊI MALTIN

**18 Mejju // May**

**Dar il-Mediterran għall-Konferenzi // Mediterranean Conference Centre**

**Esperjenza l-kanzunetti klassiċi Maltin li se jingħataw laqta kontemporanja minn numru ta' kantanti lokali fix-xena kurrenti, li jiċċelebraw artisti tant maħbuba bħal Bayzo, The Greenfields, Enzo Guzman, Joe Cutajar, Tony Gauci, Jon Lucas Woodenman, Joe Grech u Sammy Bartolo. Taħt id-direzzjoni ta' Paul Abela, din il-prestazzjoni tagħti ħajja ġdida lil numru ta' kanzunetti għeżież, filwaqt li tonora l-wirt mużikali għani ta' Malta.**

Experience timeless Maltese classics brought to life by contemporary singers, celebrating iconic artists like Bayzo, The Greenfields, Enzo Guzman, Joe Cutajar, Tony Gauci, Jon Lucas Woodenman, Joe Grech and Sammy Bartolo. Under the direction of Paul Abela, this performance breathes new life into beloved songs, celebrating Malta's rich musical heritage.

# TISBIT

**6 Ġunju // June**
**Teatru Manoel**

**Esperjenza r-ritmi innovattivi ta' *TISBIT*, kunċert dinamiku tal-perkussjoni mill-istudenti ta' The Clef House. Wara erba' edizzjonijiet ta' suċċess f'Għawdex, dan l-avveniment ser jittella' għall-ewwel darba fit-Teatru Manoel, il-Belt Valletta. Taħt id-direzzjoni artistika ta' Michael Camilleri, f'*TISBIT* ser naraw kollaborazzjoni eċċitanti ta' perkussjonisti, sezzjoni tar-ritmu, u kantanti mistiedna.**

Experience the innovative rhythms of *TISBIT*, a dynamic percussion concert by the talented students of The Clef House. After four successful editions in Gozo, the event makes its debut at Teatru Manoel, Valletta. Under the artistic direction of Michael Camilleri, *TISBIT* features a thrilling collaboration of percussionists, a rhythm section, and guest singers.





C. Jonathan Borg Zigli

# VALLETTA LOCAL FOOD FESTIVAL

## 4-6 July // Lulju
## Il-Barrakka ta' Fuq // Upper Barrakka Gardens

**Issa fir-raba' edizzjoni tiegħu, il-Valletta Local Food Festival ikompli jibni fuq is-suċċess tas-snin ta' qabel, billi jiċċelebra l-wirt kulinari għani Malti. Din is-sena, il-festival joffri xelta ta' prodotti lokali u togħmiet tradizzjonali, billi jlaqqa' flimkien koki, artiġjani tal-ikel, u produtturi ta' firxa wiesgħa ta' oġġetti kulinari inkluż ġobnijiet, chutneys, pasti, ħelu, *delicatessen*, u xorb, filwaqt li jerġa' jagħti l-ħajja lil-prodotti bażiċi mill-passat biex nippreservaw il-wirt kulinari tagħna.**

Now in its fourth edition, the Valletta Local Food Festival continues to build on the success of previous years, celebrating Malta's rich culinary heritage. The festival showcases local produce and traditional flavours, bringing together chefs, food artisans, and producers of a wide range of culinary items including cheeses, chutneys, pastries, sweets, delicatessen, and beverages, whilst also reviving staples from the past to preserve our culinary legacy.


C. Audience Ltd

# OPERA IN THE CAPITAL

**6 Settembru // September**
**Pjazza San Ġorġ // St George's Square**

***Opera in the Capital*** **għal darb'oħra jwiegħed prestazzjoni ta' livell għoli fil-qalba tal-Belt Valletta, bis-sehem tat-tenuri eċċezzjonali Alan Sciberras, u Cliff Zammit Stevens. Imtella' f'wieħed mill-aktar postijiet ikoniċi tal-Belt Valletta, dan l-avveniment jiċċelebra s-sbuħija tal-opra filwaqt li joffri esperjenza kulturali unika u aċċessibbli għal kulħadd fil-qalba tal-Belt Valletta.**

Opera in the Capital returns with the promise of an exceptional performance in the heart of Valletta, featuring the outstanding talents of tenors Alan Sciberras and Cliff Zammit Stevens. Set against the backdrop of one of Valletta's most iconic locations, this event celebrates the beauty of opera and offers a unique cultural experience in Malta's vibrant capital city that is accessible to all.

# CHRISTMAS IN THE CAPITAL

**24 Novembru // November -**
**25 Diċembru // December**
**Madwar il-Belt Valletta//**
**Around Valletta**

***Christmas in the Capital* jittrasforma l-qalba tal-kapitali b'dawl ikkulurit fit-toroq, il-presepju, u siġra tal-Milied, prestazzjonijiet *live*, divertiment fit-toroq, u bosta attivitajiet għall-familja li joħolqu atmosfera maġika għal kull min iżur il-Belt Valletta f'dan iż-żmien.**

*Christmas in the Capital* transforms the heart of the capital with beautiful street decorations, a nativity crib, and a Christmas tree. Live performances, street animations, and exciting family activities create a magical holiday atmosphere for everyone to enjoy.



C. Audience Ltd

# ANTLER CRY: ANTHONY CATANIA

**1 Diċembru // December -**
**11 Jannar // January 2026**
**The Gran Salon, National Museum of Archaeology**

**L-esibizzjoni ta' arti viżiva ta' din is-sena tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta tippreżenta l-interpretazzjoni mill-ġdid ta' Anthony Catania tal-leġġenda ta' Actaeon. Permezz ta' temi li jitrattaw it-trasformazzjoni, il-mortalità, u l-konsegwenzi tat-trasgressjoni, l-immaġini impressjonanti ta' Catania jesploraw l-inevitabbiltà traġika tad-destin ta' Actaeon, u l-enfasi fuq ir-rilevanza dejjiema tal-mitoloġija għall-eżistenza tal-bniedem. Ikkurata minn Dr Jean Pierre Magro, din l-esibizzjoni tistieden lil dawk li jżuruha biex jesperjenzaw l-esplorazzjoni profonda ta' Catania tal-konfini bejn ix-xewqat tal-bniedem u l-qawwa divina.**

This year, the Valletta Cultural Agency's visual arts exhibition presents Anthony Catania's powerful reinterpretation of the myth of Actaeon. Through vivid imagery, Catania delves into themes of transformation, mortality, and the consequences of transgression, which evokes the tragic inevitability of Actaeon's fate, highlighting mythology's enduring relevance to human existence. Curated by Dr Jean Pierre Magro, this exhibition invites viewers to experience Catania's profound exploration of the boundary between human desire and divine power.






# THE NATIONAL NEW YEAR'S EVE CELEBRATIONS

**31 Diċembru // December**
**Pjazza San Ġorġ // St George's Square**

**Temm is-sena bil-kbir biċ-ċelebrazzjonijiet nazzjonali ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena fil-Belt Valletta, li jinkludu spettaklu bil-parteċipazzjoni ta' uħud mill-aqwa kantanti u mużiċisti lokali u artisti internazzjonali stabbiliti, kif ukoll wirja ta' logħob tan-nar spettakolari fil-Port il-Kbir.**

Say farewell to 2025 with the grandeur of Valletta's National New Year's Eve celebrations, featuring some of the best local artists and established international artists as well as a spectacular Grand Harbour fireworks display.



# strada stretta





# LEGENDS OF STRAIT STREET

**21 Frar // February**
**The Embassy Hotel, Valletta**

**Il-vjolinist, sassofonist u kompożitur magħruf George Curmi *il-Puse'*, flimkien ma' seba' mużiċisti eċċezzjonali, jagħtu spettaklu b'tiżwieqa dinamika ta' jazz u kompożizzjonijiet oriġinali, li jagħtu ġieħ lill-ħoss leġġendarju ta' Strada Stretta. Dan il-kunċert jiċċelebra l-wirt mużikali rikk u mżewwaq ta' "The Gut" u l-artisti emblematiċi tiegħu, filwaqt li jgħaqqad il-passat u l-preżent.**

Virtuoso violinist, saxophonist and composer George Curmi *il-Puse'* joins seven outstanding musicians for a performance of jazz and original compositions, paying tribute to the legendary sounds of Strait Street. This concert celebrates the rich musical heritage of "The Gut" and its iconic performers, blending past and present.

# KANTAWTURI

## 14 Marzu // March
## 97 Notes

**Ingħaqad mal-awtur u kantawtur Dario Genovese għal lejl li jiċċelebra numru ta' leġġendi ikoniċi tal-mużika. Flimkien ma' numru ta' mużiċisti u mistednin speċjali, Genovese se jinterpreta kanzunetti klassiċi ta' Cat Stevens, Bob Dylan, Joni Mitchell, u aktar, flimkien mal-kanzunetti oriġinali tiegħu stess. Dan l-avveniment jagħti ġieħ lill-vuċijiet li jkomplu jispiraw lill-ġenerazzjonijiet.**

Join Dario Genovese, one of Malta's top singer-songwriters, for a night celebrating iconic music legends. With a band of talented musicians and special guests, Genovese will perform classic tracks by Cat Stevens, Bob Dylan, Joni Mitchell, and more, alongside his own original songs. This event pays tribute to the voices that continue to inspire generations.






# SFERATIKA

**4 April // April**
**The Embassy Hotel, Valletta**

**Wara l-ewwel album tagħhom *Gatt Grooves*, iddedikat lill-ikona tal-jazz Malti Charles Gatt *'Is-City'* , it-trio SFERA — Paul Giordimaina (pjanu), Oliver Degabriele (kuntrabaxx), u Ġuże' Camilleri (perkussjoni) — se jinterpretaw kompożizzjonijiet oriġinali u siltiet magħrufa tal-jazz, flimkien mal-mistednin speċjali Miles Busuttil, Angie Vella Zarb, u Walter Vella.**

Following their debut album *Gatt Grooves*, a tribute to Maltese jazz icon Charles Gatt *Is-City*, the SFERA trio—Paul Giordimaina (piano), Oliver Degabriele (double bass), and Guze' Camilleri (drums) — will perform original compositions and jazz standards, joined by special guests Miles Busuttil, Angie Vella Zarb, and Walter Vella.



# STRETTAÇÃO

## 9 Mejju // May
## The Mae West

**Wara s-suċċess ta' Hoskuban, se nassistu għal Strettação, ċelebrazzjoni vibranti tar-ritmi emblematiċi tal-Brażil, fosthom il-bossa nova u s-samba. Immexxi minn Adrian Galea Lucas, dan l-ispettaklu ser jittella' bis-sehem tal-Banda Balada, grupp ta' tmien mużiċisti Maltin li ser joħolqu vjaġġ ta' mużika Brażiljana, minn Tom Jobim sal-jazz. Għal dan l-avveniment, iż-żfin hu garantit!**

From the creators of Hoskuban, comes Strettação, a vibrant celebration of Brazil's iconic rhythms, including bossa nova and samba. Led by Adrian Galea Lucas, this event features Banda Balada, an eight-piece group of Malta's finest musicians, delivering a journey of Brazilian music, from Tom Jobim to jazz. A must-dance event!



C. Julian Vassallo



# valletta design cluster




STUDIO SESSIONS

# CLOTHES UPCYCLING WITH FRANCESCA ZAMMIT

11 Jannar // January
Valletta Design Cluster

**Ingħaqad mal-artista u produttriċi tal-films Francesca Zammit fil-Valletta Design Cluster għal workshop dwar l-użu mill-ġdid tal-ħwejjeġ b'enfasi fuq l-ekonomija ċirkolari u s-sostenibbiltà. Il-parteċipanti jistgħu jġibu l-proġetti tagħhom stess jew jagħżlu minn ħwejjeġ użati biex jerġgħu jintużaw filwaqt li jitgħallmu modi kreattivi biex jittrasformaw materjali f'disinji ġodda u funzjonali.**

Join artist and filmmaker Francesca Zammit at the Valletta Design Cluster for a clothes upcycling workshop with a focus on circular economy and sustainability. Participants can bring their own projects or choose from second-hand clothes to upcycle, learning creative ways to repurpose and transform materials into new, functional designs.

STUDIO SESSIONS

# INTRODUCTION TO PURE DATA WITH BELUGA CORP

**22 Frar // February**
**Valletta Design Cluster**

**Ingħaqad ma' Dr Christian Heinrichs, espert tal-awdjo proċedurali, għal introduzzjoni prattika għal Puredata fil-Valletta Design Cluster. Tgħallem il-bażi tal-ipprogrammar magħruf bħala *dataflow*, oħloq funzjonijiet aritmetiċi, ipproċessa l-MIDI, u ġġenera l-awdjo. Skopri kif Heinrichs ħoloq esperjenzi ġodda onlajn bħall-[adult swim] Choir u Stretchy Morty fost ħafna strumenti u mudelli oħra tal-ħoss.**

Join Dr Christian Heinrichs, a procedural audio expert, for a hands-on introduction to Puredata at the Valletta Design Cluster. Learn the basics of dataflow programming, create arithmetic functions, process MIDI, and generate audio. Discover how Heinrichs created iconic web experiences like [adult swim] Choir, Stretchy Morty and various other instruments and sound effect models.




C. Audience Ltd

STUDIO SESSIONS

# PERSONALISED SCRAPPY JOURNAL MAKING BY ANNA CALLEJA

**5 Marzu // March**
**Valletta Design Cluster**

**F'dan il-workshop, l-artista Anna Calleja se tgħinek iddawwar karti għar-rimi jew materjali oħra li ssib f'ġurnal personalizzat marbut bl-idejn. Il-proċess jinkludi it-tiwi, kif wieħed itaqqab il-karti u finalment jorbot il-ktieb.**

In this workshop, artist Anna Calleja will assist you to turn your scrap paper and found materials into a personalised hand-bound journal. The process includes folding, poking holes, and finally binding the book together.



STUDIO SESSIONS

# LUMINOUS VEIL: THE INTERSECTION BETWEEN ANTHROPOLOGY AND ART BY ADRIAN CAMILLERI

**23 Mejju // May**
**Valletta Design Cluster**

**Il-produttur tal-films u antropologu Adrian Camilleri jaqsam għarfien dwar ix-xogħol tiegħu u l-proġetti futuri. Filwaqt li jinseġ l-antropoloġija mal-arti, ix-xogħol tiegħu jesplora kulturi u esperjenzi umani permezz tal-ħoss u x-xbihat. Camilleri jiddiskuti l-metodi tiegħu ta' rappreżentazzjoni u kif dawn jgħinu fl-interpretazzjoni tad-dinja ta' madwarna.**

Filmmaker and anthropologist Adrian Camilleri shares insights into his work and future projects. Blending anthropology and art, his work explores cultures and human experiences through sound and imagery. Camilleri will discuss his methods of representation and how they help interpret the world around us.

STUDIO SESSIONS

# BUILDING SUSTAINABLE HOMES PART 2

**26 Lulju // July**
**Valletta Design Cluster**

**Il-periti James Dingli u Mark Cauchi se jiddiskutu r-rwol tas-sostenibbiltà fl-arkitettura moderna, filwaqt li jenfasizzaw l-użu ta' għodod innovattivi bħas-'Site Box', sistema ta' monitoraġġ għat-traċċar ta' parametri ewlenin fuq il-post. Tgħallem kif approċċi mmexxija mid-data jistgħu jtejbu l-impatt ambjentali, is-sikurezza tal-ħaddiema, u l-effiċjenza fi proġetti ta' kostruzzjoni, billi jippromwovu prattiki favur l-ambjent.**

Architects James Dingli and Mark Cauchi will discuss the role of sustainability in modern architecture, highlighting innovative tools like the 'Site Box', a monitoring system for tracking key on-site parameters. Learn how data-driven approaches can enhance environmental impact, worker safety, and efficiency in construction projects, promoting eco-friendly practices.





# MUSIC AND ARCHITECTURE BY JAMES DINGLI AND MARK CAUCHI

**21 Novembru // November**
**Valletta Design Cluster**

**James Dingli u Mark Cauchi jesploraw il-konnessjonijiet bejn l-arkitettura u l-mużika, billi jeżaminaw kif l-ispazji jinfluwenzaw il-ħoss u kif il-prinċipji mużikali jispiraw id-disinn. Permezz ta' diskussjonijiet dwar l-ispazju, l-istruttura u l-ħoss, se jiżvelaw kif kunċetti kreattivi miż-żewġ dixxiplini jingħaqdu, u jsawru l-esperjenza tagħna tal-ambjent mibni u l-espressjoni tas-smigħ.**

James Dingli and Mark Cauchi explore the connections between architecture and music, examining how spaces influence sound and how musical principles inspire design. Through discussions of space, structure, and sound, they'll reveal how creative concepts from both disciplines intersect, shaping our experience of the built environment and auditory expression.



C. Audience Ltd

THE ART OF MAKING SERIES

# DESIGN AND BUILD YOUR OWN PHONE/ TABLET STAND

**21 Frar // February**
**Valletta Design Cluster**

**Bħala parti mis-serje ta' workshops prattiċi tal-Valletta Design Cluster, din is-sessjoni tistiednek toħloq stand tal-mobile/ tablet. Tgħallem prinċipji ewlenin tad-disinn, esperimenta bil-materjali, u ibni stand funzjonali u personalizzata biex tiħodha miegħek id-dar. Perfetta għal dawk li huma ħerqana li jagħmlu xi ħaġa prattika maħduma bl-idejn. Dan il-workshop huwa miftuħ għal tfal minn 10 snin 'il fuq, akkumpanjati minn adult.**

As part of the Valletta Design Cluster's hands-on workshop series, this session invites you to create a custom phone/tablet stand. Learn key design principles, experiment with materials, and build a functional, personalised stand to take home. Perfect for beginners eager to craft something practical and hand made. This workshop is open to children aged 10 and over, accompanied by an adult.








# TINKERING DAY

**10 Mejju // May**
**Valletta Design Cluster**

**Ingħaqad magħna għat-tieni edizzjoni ta' Tinkering Day, attività ispirata mill-Moviment globali *Maker*. Dan l-avveniment eċċitanti jiċċelebra l-għerf u l-passjoni ta' inventuri lokali ta' kull età u dawk li joħolqu oġġetti bl-idejn. Skopri kreazzjonijiet inkredibbli minn artisti li jħalltu s-sengħa tradizzjonali Maltija mal-innovazzjoni moderna, u involvi ruħek f'workshops interattivi, attivitajiet prattiċi, u taħditiet ta' ispirazzjoni li juru l-kreattività fil-komunità tagħna.**

Join us for the second edition of Tinkering Day at the Valletta Design Cluster, inspired by the global Maker Movement. This exciting event celebrates the ingenuity and passion of local inventors, makers, and hobbyists of all ages. Explore incredible creations from artists blending traditional Maltese craftsmanship with modern innovation, and engage in interactive workshops, hands-on activities, and inspiring talks that showcase the creativity within our community.

# SEW YOUR OWN PENCIL CASE

**30 Mejju // May**
**Valletta Design Cluster**

**Ingħaqad f'dan il-workshop tal-ħjata biex tiddisinja u tħit pokit. Tgħallem tekniki bażiċi tal-ħjata, kif tagħżel id-drapp, u kif iżżid irtokki personali. Dan il-workshop huwa perfett għal dawk li m'għandhomx esperjenza fil-ħjata u għal kull min qed ifittex li joħloq oġġett li jibqa' jintuża, magħmul bl-idejn.**

Join this fun sewing workshop to design and stitch your own pencil case. You'll learn basic sewing techniques, fabric selection, and how to add personal touches. Perfect for beginners and anyone looking to create a functional, handmade piece.



THE ART OF MAKING SERIES



# EXPERIMENT WITH FILIGREE JEWELLERY

**13 Ġunju // June**
**Valletta Design Cluster**

**Esplora l-arti tal-ġojjellerija bil-filigranu f'dan il-workshop prattiku. Tgħallem tekniki delikati kif jinħadem dan ix-xogħol biex jinħolqu mudelli dettaljati għall-imsielet, pendenti, u dak kollu li tista' timmaġina. Dan il-workshop huwa ideali għal dawk interessati fil-produzzjoni tal-ġojjellerija tradizzjonali u min jixtieq jitgħallem sengħa li ma tmut qatt.**

Explore the art of filigree jewellery in this hands-on workshop. Learn delicate wirework techniques to create intricate patterns for earrings, pendants, and all that you can imagine. This workshop is ideal for those interested in traditional jewellery-making and mastering a timeless craft.




# BASICS OF ARDUINO

**12 Settembru // September**
**Valletta Design Cluster**

**Esplora l-prinċipji fundamentali tal-mikrokontrolluri Arduino u tgħallem kif tagħti l-ħajja lil ċirkwiti sempliċi. Dan il-workshop faċli għal min għadu jibda jkopri punti bażiċi tal-ipprogrammar, tas-sensuri, u tal-hardware biex tibni l-ewwel proġett elettroniku tiegħek. M'hemmx bżonn esperjenza imma biss ftit kurżità!**

Explore the fundamentals of Arduino microcontrollers and learn to bring simple circuits to life. This beginner-friendly workshop covers programming basics, sensors, and hardware to build your first electronic project. No prior experience needed, just curiosity!

## THE ART OF MAKING SERIES

# FUSION 3D BASICS

**5 & 12 Novembru // November**
**Valletta Design Cluster**

**Tgħallem il-punti bażiċi tad-disinn 3D permezz tas-software *Fusion 360* f'dan il-workshop introduttorju. Iddisinjat għal dawk li għadhom jibdew, nistednuk tiskopri għodod u tekniki essenzjali biex tiddisinja oġġetti għall-istampar 3D, biex tbiddel l-ideat tiegħek f'mudelli 3D stampabbli.**

Learn 3D design basics with Fusion 360 software in this introductory workshop. Perfect for beginners, you'll discover essential tools and techniques to design objects for 3D printing, helping turn your ideas into printable 3D models.



## THE ART OF MAKING SERIES

# BASIC SOLDERING WORKSHOPS

### 5 Diċembru // December
### Valletta Design Cluster

**Tgħallem kif tissaldja f'dan il-workshop prattiku. Skopri kif tuża l-għodda, tqabbad il-komponenti, u tifhem iċ-ċirkwiti bażiċi. Ideali għal dawk li jixtiequ jibdew jiżviluppaw il-ħiliet fundamentali fl-elettronika u t-tiswija, bi gwida dwar il-ħolqien ta' proġetti żgħar b'mod sikur.**

Master the essentials of soldering in this hands-on workshop. Learn to handle tools, connect components, and understand basic circuits. Ideal for beginners wanting to develop foundational skills in electronics and repair, with guidance on creating small projects safely.






C Audience Ltd

# FIFTY SIX : DESIGN TALKS

**L-aħħar Erbgħa tax-xahar //**
**Last Wednesday of the month**
**Valletta Design Cluster**

**Ingħaqad magħna għall-*Fifty Six Design Talks*, sensiela ta' kull xahar imtella' b'kollaborazzjoni bejn The Golden Glitch u l-Valletta Design Cluster. Dan l-avveniment jiġbor flimkien disinjaturi, dawk li joħolqu l-oġġetti bl-idejn, u innovaturi biex jesploraw prattiki tad-disinn kontemporanji permezz ta' żewġ preżentazzjonijiet dinamiċi ta' 14-il minuta segwiti minn sessjoni ta' mistoqsijiet u risposti. Is-suġġetti jvarjaw mid-disinn tal-ħoss għal teknoloġiji ġodda, li jirriżultaw f'diskussjonijiet vibranti.**

Join us at *Fifty Six Design Talks*, a monthly series co-hosted by The Golden Glitch and Valletta Design Cluster. This event brings together designers, makers, and innovators to explore contemporary design practices through two dynamic 14-minute presentations followed by Q&A. Topics range from sound design to new technologies, sparking vibrant discussions.

# MAKER-IN-RESIDENCE

## Sejħa Miftuħa // Open Call

**Disinjaturi u dawk li jagħmlu oġġetti bl-idejn minn madwar id-dinja, huma mistiedna jipparteċipaw f'din ir-residenza ta' xahrejn biex jesploraw ideat ġodda, iwettqu riċerka u jiżviluppaw proġetti innovattivi permezz ta' aċċess għall-għodod u l-faċilitajiet l-aktar avvanzati li joffri l-Valletta Design Cluster kif ukoll jimpenjaw ruħhom mal-komunità kreattiva lokali.**

Designers and makers from all over the world are invited to participate in this two-month residency to explore new ideas, carry out research and develop groundbreaking projects through access to the state-of-the-art tools and facilities that the Valletta Design Cluster offers as well as engage with the local creative community.





# MEMBER COMMUNITY SESSIONS

## Matul is-sena // Ongoing

**Matul is-sena, il-Valletta Design Cluster jorganizza sessjonijiet esklussivi għall-membri tiegħu li jinkludu taħriġ f'diversi ħiliet kif ukoll opportunitajiet għal networking u għall-ko-kreazzjoni. Fl-2025, ser jiġu organizzati aktar minn 17-il sessjoni, li matulhom il-membri se jkollhom l-opportunità jitgħallmu kif joperaw il-makkinarju CNC li permezz tiegħu tista' taħdem l-injam, il-metall, l-akriliku u ħafna materjali oħra; ir-rakkmu industrijali; diversi tipi ta' stampar 3D, il-ħolqien ta' forom u qtugħ tal-vinil; kif ukoll kif jibnu n-negozju tagħhom permezz tat-twaqqif ta' start up, il-ħolqien ta' pjan ta' negozju jew tagħlim dwar kif japplikaw għall-fondi tal-UE. Interessat? Żur https://vallettadesigncluster.wildapricot.org għal aktar tagħrif.**

Throughout the year, the Valletta Design Cluster organises exclusive sessions for its members, offering training in various skills as well as opportunities for networking and co-creation. In 2025, over 17 sessions will provide members with the chance to learn how to operate CNC machinery for manipulating wood, metal, acrylic, and other materials; industrial embroidery; different types of 3D printing, mold making, and vinyl cutting; as well as how to build their business through startup setup, business planning, and applying for EU funding. Interested? Visit https://vallettadesigncluster.wildapricot.org for more information.





# Calendar



**LAST WEDNESDAY OF THE MONTH**

FIFTY SIX
Valletta Design Cluster

*PG 41*

**11 JANUARY**

CLOTHES UPCYCLING
Valletta Design Cluster

*PG 28*

**31 JANUARY**

L'ALPINO
Teatru Manoel

*PG 8*

**14 FEBRUARY**

SCHUBERT'S PIANO SONATAS
Malta Society of Arts

*PG 9*

**21 FEBRUARY**

BUILD YOUR OWN PHONE STAND
Valletta Design Cluster

*PG 34*

**21 FEBRUARY**

LEGENDS OF STRAIT STREET
The Embassy Hotel, Valletta

*PG 22*

**22 FEBRUARY**

INTRODUCTION TO PURE DATA
Valletta Design Cluster

*PG 29*

**5 MARCH**

PERSONALISED SCRAPPY JOURNAL MAKING
Valletta Design Cluster

*PG 30*

**14 MARCH**

KANTAWTURI
97 Notes

*PG 23*

**4 APRIL**

SFERATIKA
The Embassy Hotel, Valletta

*PG 24*

**10-19 APRIL**

KRISTU LURA FI STRADA STRETTA
The Splendid

*PG 10*

**16-18 APRIL**

IL-MIXGĦELA TAL-ĠIMGĦA MQADDSA
St George's Square

*PG 11*

**25 APRIL – 4 MAY**

VALLETTA GREEN FESTIVAL
St George's Square

*PG 12*

**9 MAY**

STRETTAÇÃO
The Mae West

*PG 25*

**10 MAY**

TINKERING DAY
Valletta Design Cluster

*PG 35*

**18 MAY**
ILĦNA LI JIBQGĦU: KLASSIĊI MALTIN
Mediterranean Conference Centre

*PG 13*

---

**23 MAY**
LUMINOUS VEIL
Valletta Design Cluster

*PG 31*

---

**30 MAY**
SEW YOUR OWN PENCIL CASE
Valletta Design Cluster

*PG 36*

---

**6 JUNE**
TISBIT
Teatru Manoel

*PG 14*

---

**13 JUNE**
EXPERIMENT WITH FILIGREE JEWELLERY
Valletta Design Cluster

*PG 37*

**4-6 JULY**
VALLETTA LOCAL FOOD FESTIVAL
Upper Barrakka Gardens

*PG 15*

---

**26 JULY**
BUILDING SUSTAINABLE HOMES
Valletta Design Cluster

*PG 32*

---

**6 SEPTEMBER**
OPERA IN THE CAPITAL
St George's Square

*PG 16*

---

**12 SEPTEMBER**
BASICS OF ARDUINO
Valletta Design Cluster

*PG 38*

---

**5 & 12 NOVEMBER**
FUSION 3D BASICS
Valletta Design Cluster

*PG 39*

**21 NOVEMBER**
MUSIC AND ARCHITECTURE
Valletta Design Cluster

*PG 33*

---

**24 NOVEMBER - 25 DECEMBER**
CHRISTMAS IN THE CAPITAL
Around Valletta

*PG 17*

---

**1 DECEMBER - 11 JANUARY 2026**
ANTLER CRY: ANTHONY CATANIA
National Museum of Archaeology

*PG 18*

---

**5 DECEMBER**
BASIC SOLDERING WORKSHOPS
Valletta Design Cluster

*PG 40*

---

**31 DECEMBER**
THE NATIONAL NYE CELEBRATIONS
St George's Square

*PG 19*


C. Julian Vassallo

**Valletta Cultural Agency**

Exchange Buildings
Republic Street
Valletta, VLT 1117
Malta

**w.** www.vca.gov.mt
**e.** info@vca.gov.mt
**t.** (+356) 2124 2018

**L-informazzjoni f'dan il-ktejjeb kienet korretta qabel intbagħtet għall-istampar. L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta tirriserva d-dritt li temenda dati u dettalji oħra tal-attivitajiet tagħha f'kull ħin** // The information on this booklet was correct at the time of going to print. The Valletta Cultural Agency reserves the right to amend dates and other event details at any time.

VCA

VALLETTA
CULTURAL
AGENCY